# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Novembru 2021**

**Rikors Nru. 1147/2018 GM**

**Martin Grima Limited (C-10890)**

**vs**

**Wasteserv Malta Limited (C-30560)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi wara li ppremettiet illi :

> Permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Awwissu 2017, is-soċjeta` esponenti ġiet ingaġġata mis-soċjeta` konvenuta sabiex tforni u tikkonsenja lill-istess soċjeta` konvenuta l-materjali s-segwenti versu l-prezz u l-pattijiet u kondizzjonijiet miftehma fl-imsemmi kuntratt hawn anness (Dokument 'MGL 1'):

i. Tlettax-il elf u ħames mitt metru kwadru (13,500m²) ta' Geosynthetic clay liner material versu l-prezz ta' tmienja u tletin elf seba' mija, ħamsa u erbgħin ewro (€38,745) eskluza t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

ii. Tlettax-il elf u ħames mitt metru kwadru (13,500m²) ta' Geotextile protector lining material versu l-prezz ta' erbgħin elf u ħamsa u disgħin ewro (€40,095) eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u

iii. Tlettax-il elf u ħames mitt metru kwadru (13,500m²) ta' Geomembrane lining material versu l-prezz ta' tmienja u ħamsin elf u ħamsin ewro (€58,050) eskluża t-Taxxa fuq il-valur Miżjud;

Is-soċjeta` esponenti effettivament forniet u konsenjat il-materjal kollu msemmi lis-soċjeta` konvenuta ai termini tal-preċitat kuntratt;

In konsiderazzjoni għall-fornituri u konsenji tal-imsemmi materjal is-soċjeta` esponenti talbet lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas il-prezz globali pattwit ta' mija u wieħed u sittin elf, ħames mija u tletin ewro u għoxrin ċenteżmu (€161,530.20) inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżud, u dan permezz ta' żewġ fatturi datati ta' Awwissu 2017 hawn annessi (Dokument 'MGL 2' u' MGL 3, rispettivament);

Minkejja illi s-soċjeta` esponenti biegħet, forniet u konsenjat il-materjal kollu msemmi lis-soċjeta` konvenuta skont il-preċitat kuntratt is-soċjeta` konvenuta baqgħet ma ħallset l-ebda ammont;

Sussegwentement u wara li s-soċjeta` esponenti interpellat lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas il-prezz globali pattwit u minnha dovut diversi drabi, inkluż permezz tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Lulju 2018 bin-numru 2407/2018, is-soċjeta` konvenuta ħallset biss is-somma ta' mitt elf, erba' mija u wieħed u tmenin ewro u disgħin ċenteżmu (€100,481.90), inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Għalhekk il-bilanċ tal-prezz dovut mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` esponenti għall-materjal imsemmi mibjugħ u konsenjat lilha skont il-preċitat kuntratt jammonta għas-somma ta' wieħed u sittin elf u tmienja u erbgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€61,048.31) inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet interpellata ripetutament sabiex tħallas l-imsemmi ammont bilanċjali hija baqgħet inadempjenti u ma ħallsitx;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta' wieħed u sittin elf u tmienja u erbgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€61,048.31) inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-materjali mibjugħa u konsenjati mis-soċjeta` attriċi lis-soċjeta` konvenuta skont il-kuntratt datat 14 ta' Awwissu 2017 (Dokument 'MGL 1') u kif joħroġ mill-fatturi datati 31 ta' Awwissu 2017 (Dokument ‘MGL 2' u 'MGL 3' rispettivament);

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' wieħed u sittin elf u tmienja u erbgħin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€61,048.31);

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 9 ta' Lulju 2018 bin-numru 2407/2018, oltre l-imgħax legali b'effett mill-31 ta' Awwissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-soċjeta' Wasteserv Malta Limited (C30560) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. It-talbiet tas-soċjeta' attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-bilanċ tal-prezz li kellu jitħallas mhuwiex dovut għall-fatt li, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-materjal fornut, u li fuqu BISS kien hemm kontestazzjoni, ma kienx skont l-ispecifications mitluba fil-kuntratt.

2. In konsegwenza tal-fatt li l-materjal ma kienx skont l-ispecifications ix-xogħol li bih kellu jiġi eżegwit kellu jerġa' jinqala' bir-riżultat li s-soċjeta' Wasteserv Malta Limited sofriet danni konsegwenzali konsistenti fix-xiri tal-materjal mingħand terzi, u anke għaliex minħabba dewmien fil-konsenja tal-materjal rriżultaw ħsarat fil-preparazzjoni tax-xogħol

preparatorju li kien ġie esegwit qabel tqiegħed il-materjal fornut mis-soċjeta' attriċi, apparti spejjeż oħrajn inkorsi.

Rat it-talba rikonvenzjonali tas-soċjeta' Wasteserv Malta Limited (C30560) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. Permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Awwissu 2017 is-soċjeta' Martin Grima Limited ġiet ingaġġata mis-soċjeta' Wasteserv Malta Limited sabiex tforni u tikkonsenja lill-istess soċjeta' konvenuta xi materjal li huma dawk indikati fir-rikors ġuramentat promotorju 1147/18 GM u skont il-kuntratt ġia esebit immarkat DOK MGL 1 f' dawn l-atti.

2. Il-materjali suriferiti ma ġewx ikkonsenjati skont l-ispecifications fil-kuntratt.

3. Per konsegwenza tal-fatt li l-materjali ma kienx skont l-ispecifications ix-xogħol li bih kellu jiġi esegwit kellu jerġa' jinqala' bir-riżultat li s-soċjeta' Wasteserve Malta Limited sofriet danni konsegwenzjali konsistenti fix-xiri tal-materjali mingħand terzi, u anki għaliex, minħabba d-dewmien fil-konsenja tal-materjal, oltre ż-żmien pattwit fil-kuntratt, irrżultaw ħsarat fix-xogħol preparatorju li kien ġie esegwit fis-sit qabel tqiegħed il-materjal fornut mis-soċjeta' attriċi, apparti spejjeż oħrajn inkorsi kif ser jirriżulta fil-kors tat-trattazzjoni.

4. Is-soċjeta' Martin Grima Limited hija unikament responsabbli mid-danni sofferti mis-soċjeta' Wasteserv Malta Limited minħabba imperizja, negliġenza da parte tagħha, kif ukoll għad-dewmien fil-konsenja tal-materjali u għaliex il-materjali ma kienux skont l-ispeficiations kif fuq ingħad.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' Martin Grima Limited hija unikament responsabbli għad-danni versu s-soċjeta' Wasteserv Malta Limited għar-raġunijiet fuq premessi.

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' Martin Grima Limited għall-ħlas tad-danni kif likwidati lis-soċjeta' Wasteserv Malta Limited.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Martin Grima Limited (C-10890) għall-Kontro-Talba ta' Wasteserv Malta Limited (C-30560) li permezz tagħha eċċepiet illi :

1 It-talbiet rikonvenzjonali, in kwantu bażati fuq l-allegat nuqqas ta' kwalita` pattuwita tal-oġġett tal-bejgħ huma ġuridikament insostenibbli billi r-rimedju għad-danni mhux disponibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

2. Kemm-il darba t-talbiet rikonvenzjonali qed isiru fuq il-bażi ta' xi difett latenti dawn huma perenti bit-trapass ta' sitt xhur ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili.

3. Fi kwalsiasi każ, kemm-il-darba t-talbiet rikonvenzjonali qed isiru fuq il-bażi ta' xi difett latenti, is-soċjeta` rikonvenzjonanti m'hijiex intitolata li titlob id-danni billi s-soċjeta` esponenti dejjem aġixxiet in buona fede.

4. Fil-meritu, il-merkanzija in kwistjoni ġiet mibjugħa u kkunsinnata mis-soċjeta` esponenti lis-soċjeta` rikonvenzjonanti skont il-kwalita` mwiegħda u ma kienet affetta minn ebda vizzju okkult;

5. Kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, is-soċjeta` rikonvenzjonanti ma nstallatx u ma għamlitx użu mill-merkanzija mibjugħa u kunsinnata lilha mis-soċjeta` esponenti skont l-ispecifikazzjonijiet tal-istess merkanzija;

6. Fir-rigward tal-allegat dewmien da parti tas-soċjeta` esponenti sabiex tikkunsinna l-materjal in kwistjoni lis-soċjeta` rikonvenzjonanti, ai termini tal-Artikolu 1391 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba għall-ħlas tad-danni fir-rigward hija insostenibbli billi, sal-lum, is-soċjeta` rikonvenzjonanti għadha ma ħallsitx il-prezz tal-istess materjal;

7. Is-soċjeta` esponenti ma hija responsabbli għall-ħlas ta' ebda ammont in via ta' danni lis-soċjeta` rikonvenzjonanti;

8. Fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizju għas-suespost is-soċjeta` rikonvenzjonanti għandha tagħmel il-prova tad-danni minnha allegati;

9. Għar-raġunijiet suesposti t-talbiet rikonvenzjonanti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` rikonvenzjonanti;

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

Rat li l-konvenuta ma ppreżentatx nota ta' sottomissjonijet.

Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet fir-risposta għall-kontrotalba.

Ikkunsidrat:

Illi t-talba rikonvenzjonali hi bbażata fuq il-premessa li l-materjal fornit ma kienx skont li *specifications*. L-attriċi tilqa' għal din il-pretenzjoni billi teċepixxi li:

1. Jekk it-talba hi bbażata fuq nuqqas ta' kwalita` pattuwita hi tal-ġuridikament insostenibbli billi r-rimedju għad-danni mhux disponibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

2. Jekk it-talba fuq il-bażi ta' xi difett latenti hija perenti bit-trapass ta' sitt xhur ai termini tal-Artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili.

3. Jekk it-talba hi abbażi ta' difett latenti, is-soċjeta` rikonvenzjonanti m'hijiex intitolata li titlob id-danni billi s-soċjeta` esponenti dejjem aġixxiet in buona fede.

Galadarba l-attriċi ma tispeċifikax liema tip t'azzjoni qiegħdha tagħmel, sta għall-Qorti li tinkwadra l-fatti allegati fil-parametri tal-liġi. Ma jidhirx li l-azzjoni tista' tkun għal difetti latenti, għaliex din isseħħ meta l-ħaġa tkun tal-kwalita` miftiehma, imma jkollha difett fiha li ma jidhirx. L-allegazzjoni hi li ġiet ikkunsinnata ħaġa mhux tal-kwalita` pattuwita – appuntu mhux skont li *specifications* miftiehma bejn il-partijiet. B'danakollu lanqas jista' jkun applikabbli l-Artiklu 1390 tal-Kodiċi Ċivili li jitratta r-rimedju meta l-ħaġa ma tkunx tax-xorta mwiegħda. Dan għaliex dan jagħti lix-xerrej żewġ alternattivi: jew jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, inkella jirċievi l-ħaġa bi prezz inqas fuq stima ta' periti.

Ma jirriżultax li l-attriċi rrifjutat il-ħaġa. Ma ddepożitathiex il-Qorti. U ramietu.[1] Li jfisser li aġixxiet bħala sid billi ddisponiet mill-oġġett u għalhekk żammitu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.[2] Għalhekk l-allegazzjonijiet tal-attriċi lanqas jistgħu jiġu nkwadrati fid-disposizzjonijiet tal-imsemmi Artiklu 1390; għaliex din id-disposizzjoni teskludi l-possibilita` li x-xerrej iżomm il-ħaġa u jitlob id-danni.

Għalhekk l-azzjoni proposta – li hija sempliċiment waħda għad-danni – ma tinkwadrax ruħha f'xi wieħed mir-rimedji pprovduti mill-istitut tal-bejgħ. Rimedji li skont id-dottrina u l-ġurisprudenza preponderanti, huma ta' natura speċjali u bħala tali skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt jidderogaw mill-prinċipji ġenerali tal-obbligazzjonijiet u tal-kuntratti.

---

[1] Affidavit ta' Carl Grima a fol 45 et seq.

[2] Apex Interiors Limited v Martin Camilleri 20.10.2004 Qorti tal-Appell (Inferjuri) Onor. Imħ. Philip Sciberras.

Huwa minnu li hemm għadd ta' sentenzi li jagħtu rimedji mhux ikkontemplati fl-istitut tal-bejgħ, imma dan jagħmluh biss meta ma jkunux applikabbli s-sitwazzjonijiet ikkontemplati fl-istitut tal-bejgħ u ċjoe` ma jkunx hemm disposizzjonijiet speċjali li jidderogaw għar-regoli ġenerali. Il-Qorti sejra tagħti eżempju wieħed biss: il-kawża **Bugeja v. Muscat**[3] li kienet titratta każ ta' bejgħ ta' immobbli bil-garanzija kuntrattwali ki kellha l-permessi edilizji bħala dar residenzjali mentri fil-fatt il-permessi kienu ta' maħżen. Ix-xerrejja għamlu kawża sempliċi għad-danni. Il-Qorti ta' prim'istanza ċaħdet l-eċċezzjoni li l-kawża ma kinitx tinkwadra ruħha bħala azzjoni taħt l-istitut tal-bejgħ. Irraġunat li għalkemm l-ilment kien iqarreb għal nuqqas ta' kwalita` pattuwita, ma kinitx identika. Lanqas kien vizzju okkult. Fil-verita` l-leġislatur tas-seklu dsatax żgur ma kellux f'moħħu l-permessi edilizzji meta abbozza l-istituti tan-nuqqas ta' kwalita` pattuwita u l-vizzju okkult. Il-Qorti tal-Appell qablet ma' dan ir-raġunament.

Fil-każ preżenti din id-diffikulta` ma tqumx għaliex mhux każ li ma jinkwadrax ruħu f'xi azzjoni speċjali kkontemplata fl-istitut tal-bejgħ. Ġaladarba si tratta, kif ingħad, f'nuqqas ta' kwalita` pattuwita, kwalunkwe azzjoni trid tkun konformi mal-Artiklu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Dan għaliex m'għandhomx jiġu mogħtija lix-xerrej drittijiet, u lill-bejjiegħ imposti oneri, akbar minn dawk indikati minn dik il-liġi.[4]

[3] Baldassare Bugeja v. George Muscat 239.05.2009, Qorti tal-Appell (V. Degaetano, A.J. Magri, T. Mallia)
[4] ara Pacifici Mazzoni, Vendita, Vol I, para.264 fost l-oħrajn; Emanuele Scicluna v Carmelo Xerri 16.01.1958 Prim'Awla.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni għall-kontro-talba; tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni u konsegwentement tiċħad il-kontro-talbiet tal-konvenuta.

Spejjeż a kariku tal-konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA